MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 8/2006/1

**Stephan Farrugia**

**vs**

**George Said**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Gunju 2006, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal:
>
> Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:
>
> "Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' tmien mitt Lira Maltija (Lm800.000) lill-esponenti bhala drittijiet tieghu ta' senserija, peress li kien l-esponenti li

primarjamnet introducik sabiex tara l-post fi Triq il-Gilju, Victoria, Ghawdex, liema post inti sussegwentement xtrajt minn wara dahar l-esponenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-31 ta' Mejju 2004, l-interessi fuq l-ammont, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra r-risposta li tghid hekk:

" 1. Illi l-attur qatt ma' gie accettat mill-partijiet involuti fil-kuntratt, ossia l-venditur u x-xerrej, bhala sensar;

2. Illi l-attur qatt ma' gie nvolut fis-sostanzjali u l-accidentali tal-kuntratt - fil-fatt huwa qatt ma' laqa' l-vendita u x-xerrej u lanqas wasalhom ghal prezz;

3. Illi l-azzjoni attrici hija nfundata fil-fatt u fid-dritt

4. Illi l-attiv ghamel talba invista – u huwa ngunt ghas-subizzjoni

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

6. Bl-ispejjes."

Ra l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2148(e) ta' Kap 16 imqanqla fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2006

Ikkunsidra

Skond il-konvenut, kull m'ghamel l-attur kien li hadu bil-karozza quddiem il-post in kwistjoni, u li kellu tabella li kienet tindika li l-post kien ghall-bejgh, bin-numru tat-telefon tas-sid fuqu. Kien xott u evaziv meta mistoqsi mill-avukat tieghu stess kif sar jaf lill-attur. L-gharusa tal-konvenut

xehdet li cemplet is-sid stess lil ommha, iltaqghu, u sehh in-negozju.

L-attur xehed li kien avvicinah haten l-attur biex isiblu post ghal bintu u sussegwentement mar ghand il-konvenut u hadu bil-karozza tieghu quddiem il-post imsemmi. L-attur jghid li huwa ghandu n-negozju tal-hanut tal-laham u jaghmilha ta' sensal, u li haten il-konvenut jafu sewwa.

It-Tribunal isib ix-xhieda tal-attur iktar kredibbli minn dik tal-konvenut u l-gharusa tieghu. Isibha inverosimili li l-konvenut ma kienx jaf li l-attur kien sensal, u li huwa qabbdu bhala tali, specjalment in vista tal-fatt li dan sar jafu tramite hatnu li jaf sew lill-attur. Fi gzira zghira bhal Ghawdex min ikun jaf bniedem sew aktarx ikun jafu, kif jinghad volgarment, bir-razza u r-radika u jkun jaf sewwa x'jaghmel u ma jaghmilx. Daqstant iehor isibha wisq improbabbli li b'kumbinazzjoni kbira, sid il-post cemplet hi lil omm l-gharusa tal-konvenut biex tghidilha li kellha post ghall-bejgh, ftit wara li l-attur ha lill-konvenut jara l-post li kellu n-numru tat-telefon fuqu.

Jirrizulta ghalhekk mill-atti processwali li l-konvenut kien inkarika lill-attur bhala sensal izda appena dan urieh il-post imsemmi, huwa qabez lill-attur, kkuntattja lis-sid huwa stess, u kkonkluda n-negozju mieghu.

Jghoddu perfettament ghal dan il-kaz is-segwenti riflessjonijiet li ghamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef P Scibberas 28 t'April 2003) in re: **Harry Cefai vs Francis Galea noe**:

" Is-sensal ma ghandux dritt ghas-senserija jekk huwa ma laqqax il-partijiet interessati fuq dawk l-elementi ta' l-operazzjoni klassikament imsejha 'is-sostanzjali u l-accidentali' tal-kuntratt" - "**Alfred Schembri -vs- John**

**Bartolo**", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Gunju 1965;

“L-istess gurisprudenza stabbilit ukoll illi fejn tonqos din l-operazzjoni u allura d-dritt ghal senserija ma jkunx dovut, "ikun hemm lok ghal kumpens f'kaz ta' inkariku espress jew tacitu u xi xoghol li jkun ghamel il-medjatur" - "**Carmelo Pace -vs- Josephine sive Fanny Tabone Valletta**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Marzu 1952;

“Biex jigi kompletat il-kwadru fuq is-suggett tajjeb li jinghad ukoll illi "bniedem li sempliciment jaghti nformazzjoni bla ma jaghmel xejn aktar jew ma jadoperax ruhu ma jidherx li jista' jkun intitolat ghal xi kumpens ghas-servigi" - "**Paolo Bonavia -vs- Carmelo Grech**", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Frar 1947.

-omissis –

“Kif assodat f'bosta decizjonijiet meta ma jkunx tort tas-sensal li ma jsirx il-ftehim, jew dan jisfratta, huwa xorta wahda ghandu dejjem dritt ghal hlas ta' kumpens in bazi tal-mandat jew lokazzjoni d'opera, fissabbli fid-diskrezzjoni tal-Qorti ("**Emmanuele Borg -vs- Emmanuele Bartoli et**", Appell Civili, 2 ta' Marzu 1953; "**Lukard Camilleri et - vs- Joseph Borg**", Appell Kummercjali, 12 ta' Dicembru 1989);

“In bazi ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz ghall-opra minnu prestata, ghalkemm mhux f'bosta kazijiet, xi sentenzi rritenew, illi l-ammont ta' kumpens hekk likwidabbli jista' f'certi kazi partikolari jasal ukoll ghall-ekwivalenza mis-somma li kienet tkun dovuta bhala senserija vera u proprja ("**Pietro Grech -vs- Felice Abela**", Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' Frar 1936, "**Emanuela Borg -vs- Herbert Camilleri**", Appell Civili, 2 ta' Mejju 1969 u "**Carmelo Calleja et -**

**vs- John Micallef**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1974.

-omissis –

"**Carmelo Bezzina -vs- Carmelo Debono et**", Appell Kummercjali, 9 ta' Jannar 1956 fejn hekk gie precizat:-

"Kwantu ghall-kriterji li jirregola dan il-kumpens ma jkunx ekwu li jitqiesu t-tahbit materjali tal-sensal; imma hu aktar ekwu li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-importanza ta' l-operazzjoni, l-istadju, avvanzat jew le, li fih ikunu waslu l-operazzjonijiet attinenti ghan-negozju de quo, u l-fatt (fil-kaz li jkun hekk) li n-negozju ma jkunx sfratta bi htija tas-sensal."

Issa fil-kaz prezenti, certament li l-attur ikkontribwixxa iktar minn semplici informazzjoni: huwa gieb a konjizzjoni tal-konvenut kemm il-post – anke jekk minn barra biss - kif ukoll in-numru tat-telefon li wassal lill-konvenut biex jistabilixxi l-identita tas-sid. Kontribut, dan, da parti tal-attur, li minghajru certament in-negozju ma kienx isehh. Min-naha l-ohra, il-kontribut tal-attur kien limitat ghal dawn il-fatturi biss, u ma estendiex ruhu ghat-tlaqqiegh veru u proprju tal-partijiet, ghat-turija tal-post minn gewwa, jew ghal ftehim fuq il-prezz.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, filwaqt li l-attur mhux intitolat ghas-senserija, certament irrenda servigi fuq inkariku tal-konvenut li jimmeritaw li jigu kkumpensati, u li ex aequo et bono, ikkunsidrati c-cirkostanzi kollha tal-kaz, mhux l-inqas il-fatt li l-konvenut approfitta ruhu mis-servizzi li tah l-attur, itterminalu l-inkariku li kien tah minghajr l-anqas biss avzah, u mbaghad immanuvra biex ma jhallsux ta’ xoghlu – b’nuqqas kospikwu tal-buona fede, jew, kif jinghad fl-ilsien Malti, tal-irgulija - dan il-kumpens qieghed jigi

likwidat fis-somma ta’ mitejn u hamsin lira (LM200).

Billi ma kien hemm l-ebda senserija, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond Artiklu 2148(e) Kap 16 ma tistax tirnexxi proprju ghax dan l-artiklu isemmi l-kaz ta’ senserija. Jista’ jkun li ghall-kaz prezenti tapplika l-preskrizzjoni a bazi ta’ xi disposizzjoni ohra tal-ligi izda dan it-Tribunal ma jistax jiccita u japplika disposizzjonijiet ta’ preskrizzjoni li ma jkunux gew imqanqla mill-konvenut, u dan ghaliex “invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati mil-ligi, il-qorti ma tistax jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni partikolari ohra li ma gietx invokata” – XLII.iii.1152 iccitata f’ **Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma vs Oil and Construction International Ltd** – Qorti tal-Appell, ippreseduta mill-Imhallef P Sciberras – 28 t’April 2004.

F’**Olga Galea et vs George Mifsud – Prim’Awla, Onor Imhallef Riccardo Farrugia – 6 ta’ Frar 1973** – mhux ippubblikata izda riportata fl-opra The Word of the Court – Philip Farrugia Randon Vol 6 pagna 1956 kien hemm sitwazzjoni li tixbah lil dik prezenti u l-Qorti tal-Kummerc stabbiliet li l-preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar ma tapplikax awtomatikament ghal kumpens ta’ servizzi resi minn sensal li ma jwasslux b’success ghall-konkluzjoni tan-negozju.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ LM200 ghas-servigi minnu resi in konnessjoni max-xiri tad-dar imsemmija fl-avviz tat-talba, bl-imghax mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv. Spejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-31 ta’ Mejju 2004 a kariku tal-konvenut.**”**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab li din tigi kassata ghar-ragunijiet segwenti:-

(i) La t-talba fl-avviz promotur hi wahda ghall-hlas ta’ senserija, l-appellanti ma setax ibidel l-azzjoni minnu promossa;

(ii) Jekk dik l-azzjoni tattira l-preskrizzjoni a norma ta’ l-Artikolu 2148 (e), Kodici Civili, l-azzjoni li tkun stabbiliet kumpens inferjuri ghas-senserija pjena hi wkoll hekk preskritta;

(iii) F’ kull kaz, il-kumpens li kellu talvolta jigi likwidat kellu jkun f’ ammont inferjuri minn dak determinat mit-Tribunal;

Il-Qorti jidhrilha li f’ dan l-istadju ghandha tiddisponi mill-ewwel u t-tielet aggravji kif impustati, anke ghaliex dwarhom tezisti diga’ gurisprudenza, bejn wiehed u iehor, konkordi. Dan qed jigi rilevat ghax mill-verifika ta’ din l-istess gurisprudenza nsibu decizjonijiet li ma kienux ghal kollox linejari. Dan hu sew denotat, ad ezempju, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta’ Frar 1947 in re: “**Paolo Bonavia -vs- Carmelo Grech**”;

Ciononostante, hu sew distingwibbli illi fl-izvilupp storiku gurisprudenzjali fuq l-istitut tas-senserija, il-Qrati tbeghdu minn certa inflessibilita` rigida u bdew jaccettaw, fuq l-istregwa tal-principju ta’ l-ekwipollenza, illi talba diretta ghall-korrispettiv tad-dritt ta’ senserija tikkomprendi fiha talba ghall-kumpens ghal servigi ta’ medjazzjoni. Hekk gie affermat illi “meta s-sensal (mhux dak ikkontemplat mil-ligi kummercjali u r-rekwiziti specjali tieghu) ilaqqa’ l-partijiet u jsir il-ftehim, u dan wara, ghal xi raguni jew ohra, ma jigix effettwat, is-sensal ghandu dritt ghal kumpens, li ghandu jigi diskrezzjonalment fissat mill-Qorti, mehudin in konsiderazzjoni x-xoghol minnu prestat, l-importanza tan-negozju, u c-cirkostanzi kollha tal-kaz” (“**Nazzareno Grech -vs- Carmelo Debattista**”, Appell Kummercjali, 6 ta’ Gunju 1955). Fi kliem iehor, “mhux dovut provvizjon

ghal medjazzjoni vera u proprja imma fil-kazijiet kongruwi meta dan ikun gustifikat fil-fattispeci jista’ jkun dovut kompens li jigi ffissat mill-Qorti *arbitrio boni viri* in bazi ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz ghall-opra minnu prestata” (“**Carmelo Calleja *et* -vs- John Micallef**”, Appell Kummercjali, 11 ta’ Frar 1974);

Taht dan il-profil l-awtorita` ta’ din il-gurisprudenza, u ta’ dawk id-decizjonijiet l-ohra citati mill-appellat fir-risposta ta’ l-appell tieghu, ghandha twiegeb kif jixtraq ghall-ewwel ilment ta’ l-appellanti. Biex tigi, imbaghad, indirizzata t-tielet lanjanza tajjeb li jigi mfakkar illi, skond prattika kostanti, Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta’ l-ewwel tribunal dwar il-likwidazzjoni ta’ kumpens tas-servigi prestati, sakemm dik id-diskrezzjoni ma tkunx tidher manifestament zbaljata, jew ma jkunux jirrikorru ragunijiet gravi li jqeghdu fid-dubbju dik l-istess likwidazzjoni. Ara “**George Portelli -vs- Nicola Galea**”, Appell Civili, 23 ta’ Jannar 1959;

Spustat it-terren minn dawn iz-zewg aggravji appena ezaminati u definiti, minghajr dubju d-diffikolta tinsorgi fid-determinazzjoni tax-xorta tal-preskrizzjoni opposta mill-appellanti;

Jibda biex jigi osservat bi preliminari illi l-azzjoni koncepita fl-avviz promotur hi wahda allaccjata ma’ talba esklussiva ghall-hlas ta’ senserija, u, mhux ukoll, talba ghal retribwilita` ta’ servigi veri u propriji. Innegabilment, fis-sens pur taghhom, dawn iz-zewg rapporti - dak tas-senserija u dak tas-servigi rezi - ghandhom regolamentazzjoni diversa wiehed minn iehor, u jattiraw ukoll preskrizzjonijiet diversi, anke jekk it-tnejn huma diretti ghall-akkwist ta’ dritt ghall-kumpens skond ir-rizultat raggunt;

Premess dan, hu pacifikament ritenut illi, di regola, id-dritt fis-sensal ghas-senserija pjena jinsorgi fil-kaz li dan ikun

wassal lill-partijiet ghal ftehim definittiv fuq l-elementi kollha, sostanzjali u accidentali, ta’ l-operazzjoni. Vide, fost ohrajn, “**Emmanuele Borg -vs- Emmanuele Bartoli *et***”, Appell Civili, 2 ta’ Mejju 1953 u “**Marianna Scerri *et* -vs- Giovanni Maria Zahra *et***”, Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta’ Novembru 1958. Jirrizulta, pero` kif gja superjorment espost, illi f’ din l-istess skema d-duttrina legali, konsegwita mill-gurisprudenza, hasset il-htiega li fejn ir-regola suddetta ma tissussistix, fl-effetti u r-rizultat shih taghha, ghandha tidhol speci ta’ sub-klassifika tar-rapport, li ghalkemm f’ termini diversi, ghandha, pero`, dejjem titqies affini ghas-senserija. Ara **Zaccaria**, “**La Mediazione**”, s. s. 23). Hu, allura, f’ dan il-kwadru li trid tigi mistharrga l-eccezzjoni opposta tal-preskrizzjoni;

Il-preskrizzjoni eccepita hija dik kontemplata fl-Artikolu 2148 (e) tal-Kodici Civili li jiddisponi li “l-azzjonijiet tas-sensala ghad-dritt ta’ senserija” jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar. Mill-atti jirrizulta bhala fatt illi l-kuntratt ta’ kompravendita li dwaru l-appellat ippretenda s-senserija sar fis-7 ta’ Mejju 2004 mentri l-azzjoni giet proposta fis-7 ta’ Frar 2006. Jigifieri, oltre z-zmien preskrittiv dettat mill-precitat artikolu. Ma jirrizultax illi qabel il-prezentata ta’ l-azzjoni sar xi att interruttiv u allura, *rebus sic stantibus*, jipprevali t-terminu preskrittiv suddett;

Issa t-Tribunal fuq dan il-punt javvanza l-proposizzjoni illi la f’ dan il-kaz l-appellat ma kienx jimmerita s-senserija izda merament kumpens “*per fatiche adoperate*” (ara “**Francesco Borg -vs- Antonio Rizzo *et***”, Appell Civili, 25 ta’ April 1919), allura l-preskrizzjoni opposta ma tistax tirnexxi ghax l-predett dispost tal-Kodici Civili japplika biss ghal kaz ta’ senserija. Minn naha tieghu, l-appellat javvanza l-argoment illi la hu ma kkwalifikax ghas-senserija imma biss ghall-kumpens, japplika ghal kaz tieghu l-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 li jitratta dwar preskrizzjoni kwinkwennali. Biex isahhah dan l-argoment jirreferi ghal certi decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell, sede Superjuri. *Inter alia*, “**Cecilia Darmanin -vs- Mary**

**Fatima Vassallo**", 27 ta' Frar, 2003 u "**George Sciberras *et* -vs- Josephine Spiteri *et***", 1 ta' April 2005;

Rispettosament, din il-Qorti hi ta' veduta xort' ohra minn dik tat-Tribunal u ta' l-appellat. Dan qed tirrilevah mhux sempliciment fuq l-awtorita` taghha imma ghax verament hi tal-fehma illi ma tistax taccetta bhala guridikament valevoli r-ragonament illi ghax pretendent ta' dritt ma jkunx jisthoqqlu s-senserija pjena imma semplici kumpens, *ergo*, u ghaldaqshekk biss, tghodd ghal kaz dixxiplina diversa ta' preskrizzjoni minn dik relattiva ghall-azzjoni ghal senserija;

F' dan il-kuntest il-Qorti jidhrilha opportun li taghmel dawn il-kunsiderazzjonijiet:-

(1) Ibda biex, hi n-natura ta' l-azzjoni li tiddetermina x-xorta ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li setghet tigi avvanzata ghat-talba ta' l-attur. Fil-kaz in ispecje l-azzjoni hi dikjaratament wahda diretta ghall-kundanna tal-konvenut appellant ghall-hlas ta' senserija;

(2) Hu ben evidenti illi kienet id-duttrina u l-gurisprudenza li ntroducew id-dritt ghal kumpens fejn ikun jidher li l-attur ma jkunx jimmeritah is-senserija shiha. "***Sebbene la domanda sia concepita a base di mediazione pura, giusta la giurisprudenza invalsa, non risultando dell' effettiva conclusione per opera dell' attore dall' operazione da lui originariamente proposta, si puo all' attore medesimo nella stessa causa tassare un congruo compenso pei servigi prestati che hanno aiutato la conclusione di quell' operazione***". ("**Giuseppe Cilia La Corte -vs- Giuseppe Spiteri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 19 ta' Mejju 1906). Sahansitra jezistu kazijiet fejn anke taht in-*nomen juris* ta' servigi l-Qrati llikwidaw kumpens ekwivalenti ghas-somma intiera tas-senserija mitluba meta c-cirkostanzi hekk jiggustifikawh. Ara, ad ezempju, "**Pietro Grech -vs- Felice Abela**", Appell Inferjuri, 15 ta' Frar 1936;

(3) Jibqa’ l-fatt evidenti, pero`, illi l-likwidazzjoni tal-kumpens issir dejjem a norma tat-titolu tas-senserija. Hekk jinsab notat illi “**meta ma jsirx l-att notarili rikjest, ghal fatt li ma jkunx htija tas-sensal, dan ma jkollux dritt ghall-medjazzjoni proprjament hekk imsejha, imma ghal kumpens analogu, <u>pero` b’ titolu ta’ senserija</u>**”. (“**Carmelo Bezzina -vs- Carmelo Debono *et***”, Appell Kummercjali, 9 ta’ Jannar 1956). Ir-rikonoxximent tad-dritt ghal kumpens, hekk imholli fid-diskrezzjonalita` tal-Qorti, ma jgibx b’ konsegwenza l-mutament tat-titolu tas-senserija li fuqu l-azzjoni hi fondata. Lanqas, fil-hsieb tal-Qorti, ma tista’ tigi koncepita bhala xi *causa petendi* gdida ta’ servigi flok dik ta’ senserija;

(4) Hu, anzi, il-kaz illi ghalkemm ir-rapport jinghata l-forma ta’ servizzi rezi, l-istess ma jesorbitax u ma jiddevjax mill-isfera tat-titolu tas-senserija imma, pjuttost, hu assorbit f’ dan l-istess titolu jew atipiku ghalih. Tant dan hu hekk illi l-kumpens moghti tahtu, *arbitrio judicis*, hu dejjem proporzjonat ghal prestazzjonijiet ta’ l-attur bhala sensal;

(5) Hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi jkun ferm illogiku jekk kellu jigi ragonat mod iehor minn dak tal-konsiderazzjonijiet maghmula ghax allura jkun ifisser illi t-titolu originarju ta’ l-azzjoni bazat fuq is-senserija jitlef l-effikacja kollha tieghu u minfloku, bil-volonta` tal-Qorti, jigi krejat speci ta’ titolu gdid li mas-senserija ma ghandu ebda kollegament jew ness. Dan, ghallanqas ghal din il-Qorti, ma huwiex guridikament accettabli;

(6) Una volta allura illi t-titolu kien, u baqa’, dak ta’ senserija, anke jekk talvolta ghall-kaz it-Tribunal deherlu li kellu jakkorda kumpens inferjuri flok senserija pjena, dik il-figura guridika ma titbiddelx. F’ liema kaz tibqa’ tapplika ghal kontroversja l-estinzjoni ta’ l-azzjoni bil-preskrizzjoni eccepita.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi tilqa’ t-tieni kap ta’ aggravju lilha devolut u b’ hekk tiddikjara l-

azzjoni preskritta a norma ta' l-Artikolu 2148 (e) tal-Kodici Civili. Konsegwentement qed thassar is-sentenza appellata b' dan li l-ispejjez taz-zewg istanzi, stante in-novita tal-kaz, ghandhom jitbatew fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------